

Brussell, 20 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11554/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0210(COD)

ENV 768
STATIS 31
ECO 72
FIN 842
CODEC 1160

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 329 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 691/2011 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 329 final.

Mehmuż: COM(2022) 329 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2022
COM(2022) 329 final

2022/0210 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 691/2011 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej¹ jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, il-kompilazzjoni, it-trażmissjoni u l-evalwazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej. Dan ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 538/2014². Ir-Regolament ikopri sitt moduli: il-kontijiet tal-emissjonijiet fl-arja, it-taxxi marbutin mal-ambjent minn attività ekonomika, il-kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha, il-kontijiet ta' nfiq għall-protezzjoni ambjentali, il-kontijiet tas-settur tal-prodotti u tas-servizzi ambjentali, u l-kontijiet tal-fluss tal-enerġija fiżika.

L-Artikolu 10 tar-Regolament jelenka moduli ġodda potenzjali li għandhom jiġu introdotti aktar tard abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni. Din il-proposta tintroduċi tliet moduli ġodda tal-kontijiet ambjentali diġà previsti fl-Artikolu 10: il-kontijiet forestali, il-kontijiet tal-ekosistema, u l-kontijiet tas-sussidji ambjentali u ta' trasferimenti simili.

L-objettiv ewlieni tal-proposta huwa li testendi l-ambitu tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, strateġija għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva.³

Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali huma qafas statistiku b'diversi finijiet li jgħaqqad flimkien l-informazzjoni ekonomika u ambjentali. Dawn ikejlu l-kontribut tal-ambjent għall-ekonomija u l-impatt tal-ekonomija fuq l-ambjent b'mod konsistenti u kompatibbli mal-istatistika makroekonomika (kontijiet nazzjonali).

L-utenti janalizzaw u jużaw il-kontijiet ekonomiċi ambjentali fl-immudellar u l-prospetti u għat-tnejjija ta' proposti ta' politika u r-rapportar dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-politika. Il-moduli l-ġodda se jagħmlu disponibbli settijiet tad-*data* aktar integrati għal dawn il-finijiet.

Il-kontijiet tal-ekosistema jintegraw il-kunsiderazzjonijiet tal-bijodiversità u tal-kapital naturali ma' mistoqsijiet ekonomiċi ġenerali dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà. Il-kontijiet forestali jkejlu speċifikament iż-żona tal-foresti u s-sehem disponibbli tagħha għall-estrazzjoni tal-injam u jittraċċaw il-bidliet tagħhom maż-żmien. Il-kontijiet tas-sussidji ambjentali u ta' trasferimenti simili jidentifikaw u jikkwantifikaw il-miżuri tal-politika fiskali domestika u r-riżorsi mhux tal-UE li jappoġġaw il-Patt Ekoloġiku permezz ta' attivitajiet u prodotti ekonomiċi, filwaqt li jiproteġu l-ambjent u jissalvagwardjaw ir-riżorsi naturali.

It-tliet moduli proposti jirrispondu għal standards internazzjonali tal-istatistika u huma sostnuti minnhom: il-Qafas Ċentrali tas-Sistema ta' Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali (SEEA)

¹ ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.

² Ir-Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 113).

³ COM/2019/640 final

u l-Kontijiet tal-Ekosistema tas-SEEA.⁴ Il-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti adottat il-Qafas Ċentrali tal-SEEA bħala standard internazzjonali tal-istatistika fit-43 sessjoni tagħha fi Frar tal-2012 u l-Kontijiet tal-Ekosistema tas-SEEA fit-52 sessjoni tagħha f'Marzu tal-2021. Il-moduli l-ġodda huma kompletament konformi mas-SEEA.

Għal diversi snin, ħafna Stati Membri kisbu esperjenza fil-kompilazzjoni u r-rapportar dwar *data* rigward il-kontijiet forestali u s-sussidji ambjentali u trasferimenti simili. Dan seħħ permezz ta' għbir volontarju regolari tad-*data* tal-Kummissjoni (il-Eurostat) u studji pilota li għenu sabiex tiġi ttestjata l-fattibbiltà li jiġu introdotti kontijiet tal-ekosistema fl-UE. Din l-esperjenza kienet kondiviża mal-Istati Membri l-oħrajn kollha.

Għall-kontijiet tas-sussidji ambjentali u ta' trasferimenti simili, xi wħud mir-rekwiżiti diġà ġew koperti permezz ta' rapportar obligatorju tal-kontijiet ta' nfiq għall-protezzjoni ambjentali. Rapportar aktar komprensiv u simplifikat dwar is-sussidji ambjentali u trasferimenti simili se jibbaża fuq din l-esperjenza u – ladarba jkun stabbilit – jipprovdi d-*data* dwar it-trasferimenti meħtieġa għall-kontijiet ta' nfiq għall-protezzjoni ambjentali.

Din il-proposta tikkomplementa l-bidliet stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/125⁵. Il-bidliet fl-ambitu u fl-iskadenzi għar-rapportar tad-*data* għall-moduli attwali tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej jiżguraw li d-*data* tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet tal-utenti.

Il-proposta taġġorna wkoll ir-referenzi għall-edizzjoni tal-1995 tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA95). Dawn huma sostitwiti b'referenzi għall-edizzjoni tal-2010 tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA2010) stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

Din l-inizjattiva ma hijiex parti mill-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 jistabbilixxi qafas komuni għall-għbir, il-kompilazzjoni, it-trażmissjoni u l-evalwazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali fl-UE sabiex jiġu stabbiliti kontijiet satellitari li jikkomplementaw is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010).

Il-Premessa 16 tar-Regolament tiddikjara li qegħdin jiġu żviluppati settijiet differenti ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali u li dawn jinsabu fi stadji differenti ta' maturità u tisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm struttura modulari, li tipprovdi flessibbiltà suffiċjenti, pereżempju, sabiex jiġu introdotti moduli addizzjonali.

L-Artikolu 3 tar-Regolament jistabbilixxi lista ta' moduli tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali li għandhom jiġu kkompilati fi ħdan il-qafas komuni. Għal kull modulu, anness separat tar-Regolament jiddeskrivi l-objettivi, il-kopertura, il-karatteristiċi għall-kompilazzjoni u r-rapportar tad-*data*, l-ewwel sena ta' referenza, il-frekwenza u l-iskadenzi tat-trażmissjoni, u t-tabelli tar-rapportar. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/125 aġġorna l-

⁴ <https://seea.un.org/>

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/125 tad-19 ta' Novembru 2021 li jemenda l-Annessi I sa V tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 20, 21.1.2022, p. 40).

⁶ ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.

annessi għas-sitt moduli eżistenti tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej sabiex jitqassar iż-żmien li matulu tiġi rrapportata xi *data*, jiżdedu aktar karatteristiċi fil-lista, u jiġu ssimplifikati t-tabelli ta' rrapportar.⁷

L-Artikolu 10 tar-Regolament jelenka moduli ġodda tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali li jistgħu jiġu introdotti abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, inklużi t-tliet moduli l-ġodda f'din il-proposta. It-tliet moduli huma elenkati wkoll bħala oqsma ta' żvilupp fl-istrateġija Ewropea għall-kontijiet ekonomiċi ambjentali għall-2019 sal-2023, li ġiet approvata mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika⁸.

L-Artikolu 4 tar-Regolament jistabbilixxi li l-Kummissjoni trid tittestja l-fattibbiltà li jiġu introdotti moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali permezz ta' studji pilota volontarji mill-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, twettqu diversi studji pilota għat-tliet moduli proposti, li jittestjaw il-fattibbiltà tal-kompilazzjoni tad-*data*. Għall-kontijiet forestali u s-sussidji ambjentali u trasferimenti simili, xi Stati Membri diġà jikkompilaw u jirrapportaw *data* annwali lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fuq bażi volontarja.

Il-kontabbiltà ambjentali tuża *data* eżistenti għall-kompilazzjoni tal-kontijiet. Se jsir użu aħjar tal-informazzjoni mill-ġbir tad-*data* eżistenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali jiġbru flimkien informazzjoni ekonomika u ambjentali, u jkejlu l-kontribut tal-ambjent għall-ekonomija u l-impatt tal-ekonomija fuq l-ambjent. Din il-proposta tipprovdi informazzjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew billi tintegra kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà ambjentali għall-finijiet ta' politika ekonomika. Id-*data* prodotta skont dan ir-Regolament se tikkontribwixxi wkoll għal inizjattivi favur l-ambjent tas-Semestru Ewropew, billi tintegra s-sostenibbiltà fil-politiki kollha tal-UE, u timmonitorja l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Il-proposta għall-modulu tal-kontijiet forestali hija konformi mal-politiki dwar ir-riżorsi tal-klima u tal-foresti. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ppreżentat l-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti għall-2030⁹ bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tagħha. L-istrateġija tirrikonoxxi r-rwol ċentrali u multifunzjonali tal-foresti, u l-kontribut tal-forestrija (u l-katina tal-valur kollha bbażata fuq il-foresti) għall-ksib ta' ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima sal-2050 kif ukoll il-preservazzjoni ta' komunitajiet rurali vibranti u prosperi. Għall-2023 ħabbret ukoll inizjattiva leġiżlattiva dwar il-monitoraġġ tal-foresti u l-pjanijiet strateġiċi. Il-modulu tal-kontijiet forestali jappoġġa l-istrateġija tal-UE għall-foresti għall-2030 u l-inizjattiva futura dwar il-monitoraġġ tal-foresti u jgħaqqad il-politiki dwar il-foresti ma' politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-bijoeconomija.

Il-modulu tal-kontijiet tal-ekosistema jipprovdi *data* sabiex jiddeskrivi l-progress f'wieħed mis-sitt objettivi prijoritarji tal-programm ta' azzjoni ambjentali sal-2030¹⁰: il-protezzjoni, il-preservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u t-tisħiħ tal-kapital naturali. Dan il-modulu

⁷ ĠU L 20, 31.1.2022, p. 40.

⁸

<https://ec.europa.eu/eurostat/documents/1798247/6191525/European+Strategy+for+Environm+ental+Accounts/> (Disponibbli bl-Ingliż biss)

⁹ COM(2021) 572 final tas-16 ta' Lulju 2021.

¹⁰ Id-Deċiżjoni (UE) Nru 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

jikkontribwixxi wkoll għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan tal-UE għar-restawr tan-natura, parti mill-istrategġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030.

L-istrumenti ekonomiċi għall-kontroll tat-tniġġis u għall-ġestjoni tar-riżorsi naturali, bħas-sussidji ambjentali, huma għodod tal-politika ambjentali tal-UE dejjem aktar importanti, u hemm interess konsiderevoli li tinkiseb aktar informazzjoni dwar l-użu u l-effettività tagħhom. Il-modulu dwar is-sussidji ambjentali u trasferimenti simili jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinkludi baġits nazzjonali favur l-ambjent, l-għoti ta' informazzjoni dwar il-prezz reali li jġarrab l-ambjent, l-appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija u għall-miri klimatiċi tal-UE għall-2030, u t-tweqqif ta' politiki dwar l-enerġija rinnovabbli, il-bijodiversità, l-immaniġġjar tal-iskart u l-ekonomija ċirkolari.

Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 stabbilixxa l-verżjoni attwali tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010), u l-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej jenħtieġ li jirreferu għal din il-verżjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament u l-Kunsill jadottaw miżuri sabiex jiżguraw li tiġi prodotta statistika sabiex l-UE tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha. L-istatistika trid tissodisfa ċerti standards ta' imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, kosteffettività u kunfidenzjalità statistika mingħajr ma tpoġġi piż eċċessiv fuq in-negozji, l-awtoritajiet u ċ-ċittadini.

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li tiġi żgurata l-komparabbiltà internazzjonali tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali billi jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 għal moduli addizzjonali elenkati skont l-Artikolu 10. Dan l-Artikolu jipprevedi b'mod espliċitu ż-żieda ta' moduli ġodda u jipprovdi lista ta' kandidati. L-ewwel tliet moduli f'din il-lista diġà ġew miżjuda fir-Regolament (UE) Nru 538/2014.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sal-punt li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE.

L-azzjoni fil-livell tal-UE hija ġustifikata. L-ewwel nett, l-istatistika Ewropea trid tkun komparabbli madwar l-Istati Membri u sabiex jiġu derivati t-totali tal-UE kkalkolati mit-totali tal-Istati Membri. It-tieni, l-ambjent għandu skala u natura tranżnazzjonali. U t-tielet, xi użi tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali jmorru lil hinn mill-UE, bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u għalhekk l-UE trid tapplika standards globali.

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-Żona Ekonomika Ewropea u għalhekk jenħtieġ li jiġi estiż għal din tal-aħħar.

• Proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-Istati Membri jridu jipproduċu l-kontijiet ekonomiċi ambjentali l-ġodda permezz ta' speċifikazzjonijiet komuni, ibbażati fuq l-istandards internazzjonali tas-SEEA u mbaġhad jittrażmettu d-*data* lill-Kummissjoni (il-Eurostat) għall-validazzjoni u d-disseminazzjoni.

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-regolament propost ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jilħaq l-oġġettiv tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-aktar strument xieraq minħabba l-oġġettiv u l-kontenut tal-proposta u l-fatt li jemenda regolament eżistenti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Abbażi ta' standards tal-Kummissjoni, ġiet segwita s-sistema tal-Eurostat għall-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluża l-evalwazzjoni tal-programm Ewropew tal-istatistika¹¹, u din ifformat parti ewlenija mill-proċess kollu. Barra minn hekk, kull sena jsir sħarriġ sabiex tinkiseb aktar informazzjoni dwar l-utenti, il-ħtiġijiet tagħhom u kemm huma sodisfatti bis-servizzi tal-Eurostat. Il-Eurostat juża r-riżultati tal-evalwazzjoni sabiex itejjeb il-proċessi għall-produzzjoni tal-informazzjoni u tal-output statistiċi. Ir-riżultati jikkontribwixxu għal pjanijiet strateġiċi differenti, bħall-programm ta' ħidma u l-pjan ta' ġestjoni tal-Eurostat.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta ġiet diskussa mas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, u d-dettalji tekniċi mal-produtturi u l-utenti tad-*data* permezz ta' konsultazzjonijiet bil-miktub. Din ġiet diskussa wkoll fit-task forces u fil-gruppi ta' ħidma dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali u dwar l-istatistika u l-kontijiet ambjentali monetarji f'Mejju tal-2020 u f'Mejju tal-2021. Barra minn hekk, il-kwistjonijiet sottostanti ġew diskussi fil-laqgħat tad-diretturi għall-istatistika u l-kontijiet settorjali u ambjentali f'Lulju u f'Ottubru tal-2021. L-istess grupp ġie kkonsultat ukoll bil-miktub f'Diċembru tal-2021. Dawn il-konsultazzjonijiet kollha wasslu għal titjib tekniċu u simplifikazzjonijiet.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni (il-Eurostat) ikkonsultat lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika minħabba li l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika (NSIs) huma responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet nazzjonali kollha dwar l-istatistika Ewropea.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt ma tqisitx meħtieġa għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 diġà jeżisti bħala għodda ta' politika għall-inizjattiva. B'mod partikolari, l-Artikolu 10 jipprevedi b'mod espliċitu l-possibbiltà li jiżdiedu kontijiet tematiċi ġodda u jelenka moduli potenzjali. It-tieni, l-Istati Membri wettqu madwar 30 studju pilota dwar is-suġġetti l-ġodda bl-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni (il-Eurostat) (f'konformità mal-Artikolu 4). Fl-aħħar nett, matul dawn l-aħħar 5 snin inkisbet l-esperjenza mill-ġbir

¹¹ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Evalwazzjoni finali tal-programm Ewropew tal-istatistika 2013-2020 (SWD(2021) 383 tal-15 ta' Diċembru 2021) li jakkompanja r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni finali tal-implimentazzjoni tal-programm Ewropew tal-istatistika 2013-2020 (COM(2021) 794 tal-15 ta' Diċembru 2021).

volontarju tad-*data* dwar il-kontijiet tas-sussidji għall-foresti u għall-ambjent. Bħala konklużjoni, hemm bażi soda ta' evidenza u matul is-snin inkisbet l-esperjenza.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-Kummissjoni hija impenjata bis-siġh li tissimplifika jew tnaqqas il-piż kull meta temenda xi leġislazzjoni. Il-kontabbiltà ambjentali tipproduċi statistika ta' kwalità għolja billi terġa' tuża d-*data* disponibbli u tillimita l-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-pubbliku. Dan jinkiseb bl-integrazzjoni tad-*data* tas-sors eżistenti u l-kombinament tagħha f'estimi u indikaturi robusti bbażati fuq standards internazzjonali.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma tbiddilx l-implikazzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 għall-baġit tal-UE, b'mod partikolari mill-Artikolu 4.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 jirrikjedi li l-Istati Membri jfasslu rapporti dwar il-kwalità u jibagħtuhom lill-Kummissjoni (il-Eurostat). Il-Eurostat juża r-rapporti dwar il-kwalità, fost inputs oħra, sabiex jivvalida l-kwalità tad-*data* trażmessa. Ir-regoli tar-rapportar dwar il-kwalità se japplikaw ukoll għat-tliet moduli l-ġodda.

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 691/2011, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill rapportar dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament kull tliet snin.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta fiha tliet artikoli u anness wieħed.

L-Artikolu 1 jispeċifika l-emendi li għandhom jiġu introdotti fir-Regolament (UE) Nru 691/2011. L-emendi huma deskritti hawn taħt.

- Artikolu 2 – Definizzjonijiet

L-Artikolu 2(7) sa (9) jiddefinixxi l-kontijiet forestali, il-kontijiet tas-sussidji ambjentali u ta' trasferimenti simili u l-kontijiet tal-ekosistema.

- Artikolu 3(1) – Moduli

Jizziedu tliet moduli ġodda mal-lista ta' moduli tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej fis-subparagrafi (g) sa (i), b'referenzi għall-Annessi li jispeċifikaw l-oġettivi, il-kopertura u l-obbligi ta' rapportar tagħhom.

- Artikolu 3(4a) – Setgħat delegati

Subparagrafu ġdid 3(4a) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta att delegat sabiex tiddeċiedi dwar liema mis-servizzi tal-ekosistema, diġà inklużi fit-tabelli ta' rapportar fit-Taqsima 5 tal-Anness IX, se jiġu rrapportati l-valuri monetarji. Id-dispożizzjonijiet fl-Anness IX

jistabbilixxu servizzi tal-ekosistema f'unitajiet fiżiċi u monetarji. Is-servizzi tal-ekosistema f'unitajiet monetarji se jkunu subsett tas-servizzi tal-ekosistema f'unitajiet fiżiċi.

– Artikolu 5(2) – Ġbir ta' *data*

L-Istati Membri jistgħu jużaw approċċi innovattivi għajr dawk diġà stabbiliti fl-Artikolu 5(2).

– Artikolu 8 – Derogi

Jinkludi l-possibbiltà li tintalab deroga mir-rapportar tad-*data* għat-tliet moduli l-ġodda.

– Artikolu 9 – Proċedura ta' delega

Jestendi s-setgħat delegati biż-żieda ta' referenza għall-Artikolu 3(4a) il-ġdid.

– Artikolu 10 – Rapportar u rieżami

Jaġġorna l-oqsma li għandhom jiġu inklużi fir-rapport ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament u lill-Kunsill.

– Anness IV — Kontijiet ta' nfiq għall-protezzjoni ambjentali

Iħassar il-karatteristika “trasferimenti għall-protezzjoni ambjentali (riċevuti/imħallsa)” mill-Anness IV minħabba li din se tinġabar skont l-Anness VIII il-ġdid.

– Annessi ġodda

Jiżiedu tliet annessi ġodda mar-Regolament: L-Anness VII għall-kontijiet forestali, l-Anness VIII għall-kontijiet tas-sussidji ambjentali u ta' trasferimenti simili, u l-Anness IX għall-kontijiet tal-ekosistema.

– Referenzi għall-EU-27 u għall-ESA2010

Jissostitwixxi r-referenzi kollha ta' “EU-28” b’“EU-27” u ta' “ESA95” b’“ESA2010”.

L-Artikolu 2 tal-proposta jħassar l-obbligu tal-Istati Membri li jirrapportaw *data* dwar it-trasferimenti għall-protezzjoni ambjentali (stabbilit fl-Anness IV eżistenti dwar il-kontijiet ta' nfiq għall-protezzjoni ambjentali) hekk kif jiġi pprovdut is-sett ta' *data* aktar komprensiv u simplifikat dwar is-sussidji ambjentali u trasferimenti simili skont l-Anness VIII. Dan jiżgura li jiġi evitat rapportar doppju.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-*data* tad-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà diretta ta' dan ir-Regolament. L-Artikolu 1(7) irid japplika b'mod eċċezzjonali mill-2025, peress li l-ġbir tal-karatteristika “trasferimenti għall-protezzjoni ambjentali (riċevuti/imħallsa)” fl-Anness VIII jibda biss fl-2025 (ara t-Taqsima 4 fl-Anness VIII).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 691/2011 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li tistabbilixxi Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030¹² ikkonfermat li informazzjoni tajba dwar ix-xejriet ewlenin, il-perssonijiet u l-ixprunaturi għat-tibdil ambjentali hija essenzjali għall-iżvilupp ta' politika effettiva, għall-implimentazzjoni tagħha, u għall-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini. Jenħtieġ li jiġu żviluppati strumenti bil-għan li tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-effetti ambjentali tal-attività ekonomika. Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali huma wieħed minn dawn l-istrumenti.
- (2) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, jekk xieraq, filwaqt li tqis is-sejbiet tal-istudji pilota msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tipproponi li jiġu introdotti moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali, bħat-trasferimenti marbutin mal-ambjent (sussidji), kontijiet forestali u kontijiet tas-servizzi tal-ekosistema.
- (3) Il-moduli l-ġodda għandhom jikkontribwixxu direttament għall-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni ta' tkabbir ekoloġiku u effiċjenza fir-riżorsi.
- (4) Il-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti adottat il-qafas ċentrali tas-Sistema ta' Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali ("SEEA") bħala standard internazzjonali tal-istatistika fit-43 sessjoni tagħha fi Frar tal-2012 u l-Kontabbiltà tal-Ekosistema tas-SEEA (il-Kapitoli 1 sa 7 li jiddeskrivu l-qafas kontabilistiku u l-kontijiet fiżiċi) fit-52 sessjoni tagħha f'Marzu tal-2021. Il-moduli l-ġodda stabbiliti minn dan ir-Regolament huma kompletament konformi mas-SEEA.

¹² ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22.

¹³ ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.

- (5) Sabiex twettaq il-kompiti tagħha skont it-Trattati, speċjalment dawk relatati mal-ambjent, is-sostenibbiltà u t-tidil fil-klima, l-Unjoni jenħtieġ li jkollha informazzjoni rilevanti, komprensiva u affidabbli. It-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza jirrikjedi statistika li tissodisfa kriterji ta' kwalità għolja, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, f'konformità mal-obiettivi tagħhom.
- (6) Sabiex jiġi mmonitorjat aħjar il-progress lejn ekonomija ċirkolari ekoloġika, kompetittiva u reżiljenti u jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-kuntest tal-Unjoni, hija meħtieġa *data* addizzjonali.
- (7) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji dwar l-Istatistika Ewropea li sar fis-6 ta' Novembru 2020 iħeġġu lis-sistema Ewropea tal-istatistika tirrispondi għat-talbiet emerġenti għall-informazzjoni stabbiliti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, inklużi dawk relatati mar-rieżami u t-tkabbir tal-programm tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej.
- (8) Fl-2019, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat rapport speċjali Nru 2019/16 bit-titolu "Il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej: l-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb".¹⁵ Dak ir-rapport jirrimarka l-ħtieġa ta' *data* aktar kompluta dwar il-foresti u l-ekosistemi u għall-implimentazzjoni sħiħa tal-kontijiet forestali.
- (9) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 jelenka s-sorsi li l-Istati Membri jistgħu jużaw sabiex jistmaw il-kontijiet ekonomiċi ambjentali. Sabiex tiġi żgurata l-flessibbiltà u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti, fuq l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika u fuq awtoritajiet nazzjonali oħrajn, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw approċċi innovattivi. L-Istati Membri jenħtieġ li dejjem jinformat lill-Kummissjoni u jipprovdu dettalji fir-rigward tal-kwalità ta' dawk l-approċċi biex il-Kummissjoni tivvaluta l-kwalità tad-*data*.
- (10) Peress li l-Unjoni bħalissa tikkonsisti minn 27 Stat Membru, huwa xieraq li ssir referenza għal "EU-27".
- (11) Hemm bżonn li l-lista ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej futuri possibbli elenkati fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tiġi aġġornata sabiex dawn jiġu allinjati mal-prijoritajiet ta' politika attwali tal-Unjoni.
- (12) Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995 (ESA95) ġiet sostitwita bis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 ("ESA 2010") stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (13) "ESA 2010" tinkludi l-qafas ta' referenza ta' standards komuni, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u r-regoli tal-kontabbiltà għat-tfassil tal-kontijiet tal-Istati Membri għar-rekwiżiti statistiċi tal-Unjoni.
- (14) Sabiex jitqies l-istat attwali tal-iżvilupp tal-metodoloġiji ħalli jiġu stmati s-servizzi tal-ekosistema, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)

¹⁵ <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=51214>

¹⁶ ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1–727

f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex tissupplimenta r-Regolament billi tistabilixxi għal liema mis-servizzi tal-ekosistema diġà inklużi fit-tabelli ta' rapportar fit-Taqsima 5 tal-Anness IX jenħtieġ li jiġu rrapportati l-valuri monetarji, l-ewwel sena ta' referenza kif ukoll lista ta' metodi aċċettabbli sabiex jiġu stabbiliti dawk il-valuri monetarji. Huwa importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁷. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (15) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jintroduċi moduli ġodda ta' kontijiet ambjentali fil-qafas legali attwali għall-istatistika Ewropea dwar il-EEEA, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda, minħabba l-konsistenza u l-komparabbiltà, dawn jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.
- (16) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “(7) “kontijiet forestali” tfisser kontijiet tal-assi għar-riżorsi forestali, li jinkludu art imsagħra u injam f'art imsagħra, u l-kontijiet tal-attività ekonomika għall-forestrija u l-qtuġ tas-siġar għall-injam;
- (8) “sussidji ambjentali u trasferimenti simili” tfisser trasferimenti attwali u kapitali, kif definiti fl-ESA 2010, maħsuba sabiex jappoġġaw attivitajiet li jipproteġu l-ambjent u jissalvagwardjaw ir-riżorsi nazzjonali u l-prodotti relatati;
- (9) “kontijiet tal-ekosistema” tfisser sett ta' kontijiet imfassla sabiex jipprovdu informazzjoni konsistenti dwar il-firxa u l-kundizzjoni tal-ekosistemi u dwar il-flussi tas-servizzi minn dawn l-ekosistemi għas-soċjetà.”;

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “(g) modulu għall-kontijiet forestali, kif stabbilit fl-Anness VII;

¹⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (h) modulu għall-kontijiet tas-sussidji ambjentali u ta' trasferimenti simili, kif stabbilit fl-Anness VIII;
- (i) modulu għall-kontijiet tal-ekosistema, kif stabbilit fl-Anness IX.”

(b) jiddaħħal il-paragrafu 4a ġdid li ġej:

“4a. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha twettaq studju metodoloġiku u ta' fattibbiltà dwar il-valutazzjoni monetarja tas-servizzi tal-ekosistema. Abbażi tar-riżultati ta' dan l-istudju, il-Kummissjoni tista' tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tiddefinixxi, permezz ta' att delegat, għal liema mis-servizzi tal-ekosistema diġà inklużi fit-tabelli ta' rapportar fit-Taqsima 5 tal-Anness IX, għandhom jiġu rrapportati l-valuri monetarji, l-ewwel sena ta' referenza kif ukoll lista ta' metodi aċċettabbli għall-istabbiliment ta' dawn il-valuri monetarji.”;

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2, jiżdied it-test li ġej:

“(d) kwalunkwe sors, metodu jew approċċ innovattiv ieħor rilevanti, sakemm dan jippermetti l-produzzjoni ta' statistika li tkun komparabbli u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi applikabbli tal-kwalità.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw is-sorsi, il-metodi jew l-approċċi innovattivi msemmija fil-punt (d) għandhom jinformat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) tul is-sena ta' qabel is-sena ta' referenza li matulha se jiġi introdott is-sors, il-metodu jew l-approċċ innovattiv, u għandhom jipprovdu dettalji dwar il-kwalità tad-*data* miksuba.”;

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għall-finijiet tal-ksib ta' deroga skont il-paragrafu 1 għall-Annessi VII, VIII u IX, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn *[OPOCE, jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta li hija 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.”;

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. Il-Kummissjoni għandha tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3), (4) u (4a) għal perjodu ta' ħames snin mill-11 ta' Awwissu 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), (4) u (4a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.”

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3), (4) u (4a) għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-

notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(6) fl-Artikolu 10, l-ewwel punt bis-sing huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ - sabiex jiġu introdotti moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali, bħal Kontijiet tal-Ilma (kwantitattivi u kwalitattivi), Kontijiet ta' Nfiq għall-Ġestjoni tar-Riżorsi, Sussidji jew miżuri ta' appoġġ li potenzjalment jistgħu jkunu ta' ħsara għall-Kontijiet tal-ambjent u tal-Iskart”;

(7) fl-Anness IV, it-taqsim 3, il-kliem “it-trasferimenti għall-protezzjoni tal-ambjent (riċevuti/mħallsa)” għandu jiġi jitħassar;

(8) ir-referenzi kollha għal “UE-28” u t-terminu “ESA 95” għandhom jiġu sostitwiti b’“EU-27” u b’“ESA 2010” rispettivament tul it-test u l-Annessi.

(9) l-Annessi VII, VIII u IX, kif stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, jiżdiedu mar-Regolament (UE) Nru 691/2011.

Artikolu 2

Id-*data* dwar it-trasferimenti għall-protezzjoni ambjentali (riċevuti/imħallsa) li qabel kienet sottomessa skont l-Anness IV, għandha tiġi sottomessa skont l-Anness VIII. L-Istati Membri ma għandhomx jibqgħu jipprovdu *data* dwar it-trasferimenti għall-protezzjoni ambjentali (riċevuti/imħallsa) skont l-Anness IV.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (7) tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President